MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 183/2004

**Lombard Bank Malta Ltd.**

**vs**

**Anthony u Angela konjugi Bianchi.**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-"somma ta' tlett elef, seba' mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin, tnejn u sebghin centezmu (Lm3,722.72c) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita ta' "overdraft" li ghandkom ma l-istess Bank attur, bl-interessi kkalkolati sal-1 ta' April tas-sena 2004 skond statement hawn anness u mmarkat Dok A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-2 ta' April 2004 sad-data tal-pagament effettiv, u dan stante l-fatt li ghalkemm interpellati sabiex thallsu l-ammont hawn fuq imsemmi

anke ufficjalment, skond kopja legali ta' ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok B, inthom bqajtu inadempjenti ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra taghkom."

Bl-ispejjes kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Dicembru 2003, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid kawtelatorji ppresentati kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' April 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota tal-konvenuti prezentata waqt is-seduta tal-lum li permezz taghha l-istess konvenuti ammettew it-talbiet attrici;

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallasu lil-Lombard Bank Malta Ltd s-somma mitluba somma ta' tlett elef, seba' mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin, tnejn u sebghin centezmu (Lm3,722.72c) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti kif mitluba mis-socjeta' attrici u bl-imghaxijiet legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------